**20 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dottor Spiridione Camilleri, et

*versus*

Avukat Dottor Edgar Buhagiar noe et.

**Tassazzjoni — Ritassa — Dritt — Avukat ta' — Dikjarazzjoni — Interess.**

*It-tassazzjoni tad-dritt ta' avukat għandha ssir għab-bażi tal-interess li l-klijent ta' dak l-avukat ikollu fil-kawża.*

Il-Qorti, rat is-sentenza tal-21 ta' Novembru, 1962, fejn jinsabu riportati d-domandi ta' l-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u li biha dina l-Qorti ddikjarat li din il-kawża hija ta' kompetenza ta' dina l-Qorti u għalhekk irrespinġiet il-preġudizzjali sollevata mill-konvenut Joseph V. Toledo, Carmelo Camilleri, Carmelo Ellul Sullivan, Salvino Ellul Sullivan u Frank Diss, bl-ispejjeż kontra tagħhom iddefferiet il-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph V. Toledo, Carmelo Camilleri, Carmelo Ellul Sullivan, Salvino Ellul Sullivan u Frank Diss, li biha jeċċepixxu illi t-tassazzjoni li kontra tagħha qiegħda ssir din il-kawża hija ġusta u għalhekk id-domandi ta' l-atturi għandhom jiġu respinti. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża u dawk tal-kawża indikati fiċ-ċitazzjoni;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti Joseph, Edgar, Paul, Anthony, Charles, Edwin, Doris mart Rocco Loporto minnu assistita u Henry aħwa Zammit u l-istess Henry Zammit bħala mandatarju tal-assenti ħuh Walter Zammit u ta' Gustav Zammit;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Marzu 1962, il-konvenut Avukat Dr. Buhagiar irtira l-ewwel eċċezzjoni minnu sollevata, u kwindi ma hemmx lok ta' pronunzjament rigward l-istess eċċezzjoni;

Illi fil-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni l-konvenut Avukat Dr. Buhagiar intassa d-dritt għas-sentenza ta' l-attur Avukat Dr. Camilleri u P.L. Engerer, difensuri f'dik il-kawża tal-konvenuti aħwa Zammit, in bażi ta' dikjarazzjoni jew artikolu, u fl-istess mod intassa d-dritt ta' l-atturi Avukat Dr. Zammit u P.L. Galdes, difensuri fl-istess kawża tal-konvenut Gustav Zammit. L-atturi jippretendu li din it-tassazzjoni operata a rigward tagħhom hija insuffiċjenti u żbaljata billi kien messha, u għandha, issir in bażi tal-kriterju tal-"ad valorem" skond ir-regoli tat-Tariffa "C" tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċe-

dura Ċivili;

Illi l-konvenut Avukat Dr. Buhagiar jeċċepixxi, fost ħwejjeġ oħra, li l-interess li fil-kawża msemmija kellhom il-konvenuti kollha, minbarra John Zammit, ma kienx dak dwar kwistjonijiet fuq proprjetà jew dwar passaġġ ta' flus minngħandhom għal persuni oħra u lanqas huma ma qajmu kwistjonijiet simili, u għalhekk it-tassazzjoni tad-drittijiet tad-difensuri tagħhom, atturi fil-kawża odjerna, ma kellhiex issir "ad valorem". L-odjerni konvenuti l-oħra, minbarra dawk fuq imsemmijin li baqgħu kontumaċi, jissottomettu li fil-kawża l-oħra hemm domanda waħda biss rivolta unikament kontra John Zammit biex dan jaddivjeni għall-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa, u l-konvenuti l-oħra kienu ġew ċitati biss "jekk jidhrilhom li għandhom interess" billi fl-aħħar taċ-ċitazzjoni saret riżerva ta' azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti kollha "si et quatenus"; li dawn l-aħħar konvenuti fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom f'dik il-kawża eċċepew illi d-domandi diretti kontra tagħhom huma nfondati, għaliex John Zammit kien l-uniku proprjetarju tal-fond in kwistjoni. Kien preċiżament għal din ir-raġuni, ammessa minn dawn il-konvenuti, l-d-domanda għall-esekuzzjoni tal-kuntratt saret biss kontra John Zammit. Il-konvenuti l-oħra kienu biss spettaturi f'dik il-kawża; it-tassazzjoni lid-difensuri ta' John Zammit saret fuq il-valur kollu tal-fond in kwistjoni għaliex kien hu li setgħa jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu, u l-konvenuti l-oħra lanqas l-undiċesima parti kull wieħed ma setgħu jittrasferixxu. Għalhekk huma ma setgħu jiġu intassati ħlief a bażi ta' dikjarazzjoni;

Illi l-meritu tal-kawża odjerna huwa l-impunzjoni tażżewġ tassi "C" u "D" rilaxxjati rispettivament lil atturi Avukat Dr. Camilleri u P.L. Engerer u lil atturi Avukat Dr. Zammit u P.L. Galdes mill-konvenut Avukat Dr. Buhagiar u kwindi kompitu ta' dina l-Qorti huwa li tistabbilixxi x'timporta per

se d-domanda ta' l-atturi fil-kawża li tagħha saru t-tassi kontestati, billi huwa paċifiku li f'kawżi simili t-tassazzjoni għandha tiġi regolata mid-domanda. Jidher għalhekk utili għad-definizjoni tal-kawża odjerna li jiġi eżaminat l-att taċ-ċitazzjoni fil-kawża l-oħra. B'dak l-att, — li fih kienu jidhru bħala atturi Joseph V. Toledo, Carmelo Camilleri, Carmelo Ellul Sullivan, Salvino Ellul Sullivan u Frank Diss, u bħala konvenuti John Zammit, u jekk jidhrilhom li għandhom interess, Joseph, Edgar, Gustav, Paul, Anthony, Charles, Edwin, Henry u Doris mart Rocco Loporto aħwa Zammit, u l-istess Henry Zammit bħala mandatarju ta' l-assenti Walter Zammit l-atturi wara li ippremettew li bi skrittura privata tas-17 ta' Lulju, 1953, il-konvenuti obbligaw ruħhom li jikkonċedulhom in enfitewsi perpetwa l-maħżen u l-bini ta' fuqu numru 14 u 15 Timber Wharf, Marsa, biċ-ċens jew sub-ċens ta' £240 fis-sena pagabili kull sena bil-quddiem, u taħt il-pattijiet indikati f'dik l-iskrittura; u illi skond dik l-iskrittura l-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika kellu jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-konvenuti jkunu ġew fil-pusess legali ta' l-imsemmi fond permezz ta' att ta' diviżjoni li kellu jsir bejnhom u bejn terzi persuni; u illi l-konvenuti ġew fil-pussess legali ta' dan il-fond b'att magħmul għand in-Nutar John Spiteri Maempel fit-22 ta' Lulju, 1955; u illi skond l-iskrittura l-konvenuti kellhom jagħtu avviż lil atturi immedjatament li jsir dak l-att, ħaġa li huma naqsu li jagħmlu, kif l-atturi issa saru jafu; u illi f'att ta' sud-diviżjoni bejn il-konvenuti l-fond imsemmi ġie assenjat lil konvenut John Zammit kif jidher minn ittra li ġiet eżibita; u illi nonostanti interpellazzjoni ġudizzjarja l-konvenut John Zammit naqas, anzi irrifjuta, li jaddivjeni għall-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika skond il-konvenju fit-termini ta' tliet xhur min meta l-atturi ġew avżati li hu daħal fil-pussess legali ta' l-imsemmi fond, u illi l-kontendenti kienu ġa taw esekuzzjoni fl-1953 għall-ftehim minnhom magħmul — l-istess atturi talbu illi l-konvenut John Zammit jiġi kundannat għar-raġunijiet imsemmija, li jaddivjeni għall-kuntratt tal-konċes-

sjoni enfitewtika perpetwa tal-fond imsemmi bil-kondizzjonijiet stipulati fl-iskrittura fuq indikata, fil-ġurnata, lok u ħin li jiġu ffissati mill-Qorti, u jiġi nominat nutar biex jippubblika l-kuntratt u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. B'riżerva ta' azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti jekk ikun il-każ. Il-konvenut John Zammit ta l-eċċezzjonijiet tiegħu. Anke l-konvenuti l-oħra, aħwa Zammit, li ġew ċitati biss jekk jidhrilhom li għandhom interess, taw l-eċċezzjonijiet tagħhom, u b'dan il-mod iddimostraw li għandhom interess fil-kawża, u kwindi għandhom jiġu kunsidrati bħala konvenuti;

Illi mill-premess isegwi li d-domanda ta' l-atturi fil-kawża l-oħra tinsab diretta unikament kontra John Zammit biex dan jaddivjeni għal kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tal-fond, ċioè tal-fond kollu, u mhux biss tal-undiċeżima parti indiviża tiegħu li hu kien jipposjedi minnu meta saret l-iskrittura, evidentement għaliex hu biss setgħa jagħmel din il-konċessjoni tal-fond kollu lil atturi billi fis-subdiviżjoni l-fond kien ġie assenjat kollu lilu minn ħutu — u mhux kontra l-konvenuti l-oħra aħwa Zammit, għaliex dawn ma setgħu jikkonċedu ebda parti mill-istess fond, lanqas l-undiċesima parti indiviża li kull wieħed minnhom qabel kien jippossjedi minnu, billi meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni fil-kawża l-oħra huma kienu ġa assenjaw sehemhom indiviż mill-fond lill-ħuhom John Zammit permezz ta' l-imsemmija sud-diviżjoni li saret fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Sammut fit-3 u 4 ta' Marzu, 1956;

Illi, kif ġa ngħad, l-imsemmijin aħwa Zammit, li għalihom bħala difensuri kienu jidhru l-atturi fil-kawża odjerna, ġew ċitati fil-kawża l-oħra jekk jidhrilhom li għandhom interess, u li fil-fatt, meta taw l-eċċezzjonijiet, huma ddimostraw li għandhom dan l-interess ġuridiku. Għalhekk għandha ssir l-indaġini dwar x'kien dan l-interess ta' dawn il-konvenuti l-oħra aħwa Zammit. Dawn il-konvenuti f'dik il-kawża eċċepew fost ħwejjeġ oħra li d-domandi in kwantu diretti kontra tagħ-

hom huma nfondati. Issa jidher ċar miċ-ċitazzjoni illi ma tinsab dedotta mill-atturi ebda domanda kontra l-imsemmijin konvenuti, billi l-uniku domanda hemm dedotta hija kontra l-konvenut John Zammit; l-atturi żammew biss riżerva ta' azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti kollha, liema azzjoni raġonevolment għandu jiftiehem li kellha eventwalment tiġi eżerċitata b'azzjoni oħra futura f'każ ta' vinċita da parti tagħhom u talvolta wara deklaratorja ta' responsabilità għall-istess danni tal-konvenuti kollha, fosthom l-imsemmija konvenuti, f'dik il-kawża. Kwindi l-interess li jidher li kellhom dawn l-imsemmija konvenuti, fit-termini kif ġiet dedotta l-azzjoni mill-atturi, kien biss li huma juru li ma kienux responsabili għal dawn id-danni li setgħu jiġu 'l quddiem reklamati kontra tagħhom mill-atturi: ħaġa li huma ndikawha bir-raġunijiet li allegaw fl-ewwel paragrafu tal-eċċezzjonijiet. Anzi, fl-istess eċċezzjonijiet l-istess konvenuti allegaw li huma ma kellhomx x'jaqsmu mad-domanda ta' l-atturi għaliex l-uniku proprjetarju tal-fond huwa l-konvenut John Zammit;

Illi għalhekk anke l-imsemmija konvenuti aħwa Zammit, li kienu patroċinati mill-atturi fil-kawża odjerna, urew b'mod evidenti fil-kawża l-oħra li l-interess tagħhom fiha kien biss li jiddiskonoxxu kull responsabilità għad-danni lil-atturi b'azzjoni futura setgħu talvolta jirreklamaw mingħandhom. F'dik il-kawża huma ma issollevaw ebda kwistjoni li tinvolvi valur ċioè kwistjonijiet ta' proprjetà jew ta' passaġġ ta' flus bejnhom u ħaddieħor. Issa it-tassazzjoni għandha ssir skond in-natura ta' l-interess li l-parti jkollha fil-kawża; u l-interess ġuridiku ta' l-imsemmija konvenuti f'dik il-kawża ma kienux tali li d-dritt tad-difensuri tagħhom jiġi tassat "ad valorem". B'dan il-mod ma jistax jingħad li l-konvenut Avukat Dr. Buhagiar nomine ma għamilx tajjeb it-tassazzjoni tad-drittijiet ta' l-atturi, difensuri tal-konvenuti msemmijin fil-kawża l-oħra. in bażi ta' dikjarazzjoni jew artikolu;

Għal dawn ir-raġunijiet,

Tiddeċiedi billi tirrespinġi d-domanda ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.